MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Numru 713/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**MELVIN GRANGE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Melvin Grange ta’ 19 il-sena, bin Joseph u Maryanne nee’ Serracino mwieled Pieta’ fi 22 ta’ Marzu 1989 residenti 35 The Grange Triq il-Port Ruman Marsaxlokk detentur tal-karta ta’ l-Identita b’numru 577788M.

Billi giet akkuzata talli, fit-8 ta' Gunju 2008 ghal habta ta' xi 1.45am u hinijiet qabel, waqt li kien fi Triq Tal-Barrani Hal-Tarxien.

a. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti filwat li kien qieghed issuq u/jew kellu il-kontroll tal-vettura bin-Nru. KAA643 ta' ghamla Mazda, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jessica Montebello mill-Iklin skond ma ccertifika Dr. J. P Zahra mill-isptar Mater Dei.

b. Talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi saq l-istess vettura b'manjiera traskurata,

c. Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SZ3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 226 tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65.

Issib lill-imputat Melvin Grange, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali netta tal-imputat u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, nkwantu ghall-akkuza (a.) tikkundanna lill-imputat Melvin Grange ghall-piena ta’ Elf, mija u erba’ u sittin Euro (Euro 1164) multa u nkwantu ghall-akkuza (b.) tikkundanna lill-imputat Melvin Grange ghall-piena ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro (Euro 232) multa.

Finalment, il-Qorti, bl-applikazzjoni tas-sub-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Melvin Grange milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien ghaxar (10) tijiem millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------